**Fil-Qorti tal-Magistrati Malta**

**Bhal Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia B.A., LL.M(Kent)., LL.D**

**Illum 31 ta' Ottubru 2019**

**Kumpilazzjoni Numru 420/2017**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Robert Vella)**

**Vs.**

**Rodrick Grima**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Rodrick Grima ta' 29 sena bin Grezzju u Filippa xebba Barbara, imwieled gewwa 1-Pieta' nhar is 07 ta' Marzu, 1988, residenti gewwn fond numru 40, Triq ic Cimiterju,

Zabbar jew numru 12, Zahra. Flat 2, Triq il-Friefet, Marsaskala, u detentur tal-karta ta' 1-identita' bin-numru 136688(M),

Billi int akkuzat talli

Nhar l-20 ta' Awwissu, 2017, ghall-habta tal-3:45 ta' filghaxija, minn gewwa sit ta' kostruzzjoni sitwat gewwa Triq Hookham Frere, Pieta':

1. ikkommettejt serq ta' ghodda u cioe' bajla tal-konkos ghad-dannu ta' Massimo Bueno u/jew ta' persuna jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur li ma jeccedix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (E2,329.37);

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ksirt il-kundizzjonijiet ta' l-Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta li gew imposti fuqek b'sentenza moghtija lilek nhar it-13 ta' Ottubru, 2016 mill-Qorti ta' Malta (Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D), liema sentenza saret definittivau ma tistax tigi mibdula;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ksirt il-kundizzjonijiet ta' 1-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta li gew imposti fuqek b'sentenza moghtija lilek nhar it-18 ta' Ottubru, 2016 mill-Qorti ta' Malta (Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ksirt il-kondizzjonijiet imposti fuqek mill-Qorti tal-Magistrati ta Malta (Magistrat Dr. Monica Vella LL.D) b'digriet datat 26 ta' Gunju, 2017, li permezz tieghu nghatajt il-helsien mill-arrest b'diversi kundizzjonijiet fosthom li ma ikkommettix reat iehor ta' natura volontarja.

II-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta' htija, flimkien mal-piena skond il-ligi, tordna r-revoka contrario imperio tad-digriet li bih Rodrick Grima inghata il-beneficeju tal-helsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi mputat u kif ukoll tordna li s-sommom bhala depozitu u garanziji personali, jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 tal-Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija wkoll mitluba li f'kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar recediv ai termini ta' I-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Rat li matul l-ezami tal-imputat ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu kif ukoll li l-ufficjal prosekutur ikkonferma li l-Avukat

Generali ta l-kunsens tieghu bil-miktub sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.[1]

Rat id-dokumenti kollha pprezentati inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja, hadet konjizzjoni tax-xhieda, prodotti u wara li fliet l-atti kollha tal-kawza u semghet lill-partijiet jitrattaw.

Rat li din il-kawza giet assenjata lill din il-Qorti kif inhi ppreseduta nhar il-10 ta' Mejju 2019.

Rat li fl-udjenza tad-9 ta' Lulju 2019 li l-partijiet iverbalizzaw li ezentaw din il-Qorti kif inhi ppreseduta milli terga tisma lix-xhieda prodotti qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif ippreseduta.

Rat illi l-Prosekuzzjoni ddikjarat illi ma kellhiex provi ohra xi tressaq nhar il-14 ta' Mejju 2018.

Rat illi d-Difiza ddikjarat illi lanqas hi ma kellha provi xi tressaq nhar is-6 ta' Dicembru 2018.

Rat li l-imputat iddikjara li xtaq jixhed fis-seduta ta' nhar il-21 ta' Frar 2019 u li l-prosekuzzjoni ma oggezzjonatx ghal din it-talba u konsegwentement xehed dak in-nhar tas-seduta.

Rat il-*pre-sentencing report* ta' l-ufficjal tal-Probation Rona Custo' esebit nhar il-25 ta' April 2019.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

[1] Folio 14 ta' l-atti processwali

**Ikkunsidrat:**

Illi nhar l-20 ta' Awissu 2017 gie rapportat lis-Spettur Robert Vella gewwa l-ghassa tal-Hamrun permezz ta' telefonata anonima li persuna kien ghadu kemm seraq *bajla tal-konkos* minn go plot li kien qed jinbena fi Triq Hookham Frere, il-Pieta'.

Illi wara li saret tftixxija fl-inhawi mill-pulizija u membri tal – *Rapid Intervention Unit (RIU)* ghal-imsemmija persuna, din il-persuna suspettuza (l-imputat) kien instab il-Marsa gewwa Triq Dicembru 13, bil-*bajla tal-konkos*.

Illi wara li l-imputat inghata d-drittijiet legali kollha tieghu gewwa l-ghassa tal-Hamrun fejn gie infumat bid-dritt li huwa jista' jikkonsulta ma l-avukat tieghu jew inkella li jkollu l-avukat tieghu prezenti waqt l-interrogazzjoni[2] u ta stqarrija fejn stqarr fost risposta ohra illi *"Jiena hadtha biex ghada immur insarrafa ghall-hadid…….Kont ghaddej, rajtha u dhalt nehodha"* kif ukoll li qieghed jiehu kura ta' methadone ghal dipendenza ta' droga.

**Ikkunsidrat**

**PC 198 Clayton Azzopardi**, stazzjonat fir-Rapid Intervention Unit xehed waqt is-seduta tal-25 t'Ottubru 2017. Ix-xhud stqarr li fl-20 t'Awwissu 2017 għall-ħabta tal-4:30pm is-sezzjoni RIU ġiet infurmata mill-kamra tal-kontroll tal-Pulizija illi persuna tas-sess maskili liebes flokk aħdar ġie nnotat ħiereġ minn sit tal-kostruzzjoni jimbotta bajla tal-konkos b'idejh li

[22] Dok RV3 u Dok RV4

kienet suspettata li ġiet misruqa mill-Pietà. Mill-Pietà ġibed għal Triq Diċembru Tlettax. Meta l-Pulizija waslu f'dik it-triq setgħu jaraw persuna maskili liebes flokk aħdar jaqsam it-triq jimbotta l-bajla tal-konkos. Dan ġie mwaqqaf minnufih, immanettjat u informat illi kien taħt arrest fuq suspett ta' serq. Ġew infurmati ukoll il-Pulizija tal-għassa li kienu ukoll ħadu r-rapport dwar is-serq tal-bajla. Eventwalment l-imputat itteieħed mill-Pulizija tal-għassa permezz tal-karozza tas-servizz. Ix-xhud seta jagħraf lill-imputat fl-awla.

L-**Ispettur Eliot Magro**, stazzjonat l-Għassa tal-Ħamrun, xehed waqt is-seduta tad-29 ta' Novembru 2017 fejn huwa ppreżenta vera kopja tad-digriet u kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest in rigward tal-imputat Roderick Grima.

**PS 827 Edward Gech**, stazzjonat l-Għassa tal-Ħamrun, ukoll xehed waqt is-seduta tad-29 ta' Novembru 2017. Ix-xhud spjega li nhar l-20 t'Awwissu 2017 għall-ħabta tal-3:45pm il-Pulizija ġew informati illi kien hemm raġel liebes flokk aħdar illi kien qiegħed jisraq bajla tal-konkos minn ġewwa sit tal-kostruzzjoni fi Triq Hookham Frere, il-Pietà. Sakemm il-Pulizija waslet fuq il-post, dan il-persuna kien sparixxa. Sussegwentament ix-xhud ġie informat minn PS 918 tar-RIU li huwa kien għadu kemm sab pesuna ta' dik id-deskrizzjoni jimbotta bajla tal-konkos fi Triq Diċembru Tlettax. Wara dan, ix-xhud mar fuq il-post fejn kien ġie arrestat l-imputat. Wara dan, l-imputat ġie meħud ġewwa l-Għassa tal-Ħamrun fej ittieħditlu stqarrija li fiha huwa ammetta li kien għaddej fit-triq, ra l-bajla tal-konkos u ħadha għar raġuni li ħasibha ħażina sabiex jeħodha għand tal-i*scrap*. Madankollu, ix-xhud spjega li meta l-bajla ġiet ippruvata mad-dawl fl-awla irriżulta li din kienet taħdem sew. Wara

verifiki li saru, irriżulta ukoll li s-sit minn fejn allegatament insterqet il-bajla kienet kollha magħluqa bil-ħadid minħabba s-sigurtà. Skont ix-xhud, il-Pulizija saret taf bl-allegat serq tal-bajla tal-konkos wara li rċeviet informazzjoni anonima.

**Massimo Buemi** xehed ukoll waqt is-seduta tad-29 ta' Novembru 2017. Ix-xhud spjega li huwa jaħdem bħala bennej u kien involut fis-sit in wkistjoni. Fit-18 t'Awwissu 2017 ħa l-għodda u l-materjali fuq is-sit tal-kostruzzjoni u imbagħad, meta fit-22 t'Awwissu mar biex jaħdem, sab li l-bajla ma kienitx hemm. Hekk kif induna b'dan il-fatt, ix-xhud mar jagħmel rapport ġewwa l-Għassa tal-Pietà. Hemmekk sar kuntatt mal-Għassa tal-Ħamrun, fejn ġiet mgħoddija informazzjoni likienet instabet bajla li taqbel mad-deskrizzjoni mogħtija. Meta mar jaraha, ix-xhud ikkonferma li dik kienet tiegħu. Ix-xhud stqarr li l-bajla tal-konkos in kwistjoni kien xtraha mingħand ħabib tiegħu flimkien ma għodda oħra għall-prezz komplessiv ta' ċirca €500 imma fuq is-suq tista' tixtri waħda bħalha ġdida għall-prezz ta' bejn €300 u €500.

L-imputat **Roderick Grima** xehed waqt is-seduta tal-21 ta' Frar 2019. Ix-xhud stqarr li fl-20 t'Awwissu 2017 waqt li kien fit-triq, huwa induna li kien hemm bajla tal-konkos li ma kienitx f'kundizzjoni tajba u b'hekk ħadha sabiex jeħodha għand tal-ħadid u b'hekk jiġbor xi ħaġa tal-flus tagħha. Ix-xhud spjega lill-Qorti li f'dak iż-żmien huwa kien għaddej minn perjodu diffiċli f'ħajjtu fejn kien abbuż ta' alkoħol u kien jinsab fi problemi finanzjarji serji. Ix-xhud stqarr li kien ġie interċettat mil-Pulizija fi Triq Diċembru Tlettax. In kontro-eżami, l-imputat ġie mistoqsi jekk hux minnu li l-bajla tal-konkos kienet tinsab ġewwa sit tal-kostruzzjoni, għal liema mistoqsija huwa ma nnegax iżda qal li din kienet maħmuġa kollha

tajn u mitluqa ħdejn għadd ta' krieret bla roti u b'hekk ħaseb li kienet mgħarrqa. L-imputat tenna li għemilu kien frott ta' żball u jiddispjaċih ħafna ta' li ġara.

**Rona Custò**, adetta mal-Probation Services, xehdet waqt is-seduta tal-25 t'April 2019. Ix-xhud spjegat illi hija ġiet nominata sabiex tħejji l-pre-sentencing report fir-rigward tal-imputat. Hija spjegat li Roderick Grima kien ilu f'kuntatt mad-Dipartiment tagħha għal ħafna snin u minkejja li hu kien riferut għal diversi servizzi differenti kemm minħabba l-problema tad-droga kif ukoll minħadda s-saħħa mentali tiegħu, huwa dejjem irrifjuta dawn is-servizzi u qatt ma kien hemm kooperazzjoni minn naħa tiegħu. B'hekk ġie rrakommandat li hu għandu jingħata sentenza ta' priġunerija effettiva li tkun akkompanjata minn ordni ta' trattament sabiex il-problemi li jsofri minnhom ikunu jistgħu jiġu ndirizzati.

**Ikkundsidrat:**

Illi apparti l-addebitu tar-recidiva fir-rigward ta' l-imputat u l-ksur ta' sentenzi sospizi kif iprospettati fl-imputazzjonijiet imressqa kontrih f'dan il-kaz, l-imputat jinsab mixli b'reat ta' serq aggravat bil-mezz u bil-valur li ma jeccedix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37).

Id-definizzjoni ta' serq li giet segwita fil-gurisprudenza Maltija hija dik adottata mill-Carrara li tigbor fiha l-elementi kollha tas-serq; jigifieri l-kontrettazzjoni doluza ta' oggett li jappartjeni lil haddiehor akkwistat b'mod frawdolenti bil-hsieb li jaghmel il-qliegh mir-res furtiva[3]. Infatti skond il-Professur Mamo din id-definizzjoni tikkomprendi t-totalita'ta'

---

[3] *'La contrattazione doloza della cosa altrui fatta in vito domino con animo di farne lucro'.*

hames elementi li lkoll iridu jigu sodisfatti sabiex il-gudikabbli jigi misjub hati. Dawn l-elementi huma:

1. *The contrectatio of the thing;*
2. *Belonging to others;*
3. *Made fraudulently;*
4. *Without the consent of the owner;*
5. *Animo lucrandi.*

L-aggravji tas-serq kontestati f'dan il-kaz huma elenkati fl-artikolu 261 tal-Kodici Kriminali li jinkludu l-aggravju tal-mezz u tal-valur li ma jeccedix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37). Dawn qed jissemmew specifikament u limitatament minn din il-Qorti in vista tal-imputazzjonijiet kif migjuba kontra l-imputati u li jinkorporaw biss dawn l-aggravji.

Skond il-Kodici Kriminali l-aggravju tal-mezz li jista jsir b'diversi modi wkoll skond kif senjalati fl-artikolu 263, 264 u 265 tal-istess Kodici, jinkludi meta jkun hemm sgass, ksur jew skalata sabiex issir access fil-post li jkun ser jinsteraq.

Il-valur jaggrava s-serq skond dak dispost fl-artikolu 267 u li jirrizulta jekk il-valur tal-oggett misruq jeccedi l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94).

**Ikkundsidrat**

Illi jidher mill-istqarrija tal-imputat li l-imputat ma nnegax ghal-fatt li dahal gewwa s-sit u ha *l-bajla tal-konkos*. Ir-ragunament tieghu kienet li din "*kien fiha is-sadid u meta rajtha ghidt li lanqas tahdem. Jien hadtha biex immure insarrafa ghall-hadid*".

L-imputat fl-istess stqarrija jkompli jispjega u jaghti x'jifhem li kellu nuqqas ta' finanzi u li ma jahdimx ghaliex jaqta qalbu minhabba l-kondotta li ghandu. Jispjega li l-intenzjoni li kellu meta ha *l-bajla tal-konkos* kien biex jaqla xi haga ta' flus minnha billi kien ser issarrafa ghall-hadid ghand wiehed li jinsab il-Fgura.

Illi nhar l-21 ta' Frar 2019, l-imputat ghazel li jixhed fejn spjega l-intenzjoni tieghu.

*"Kien hemm bajla ma kientx f'kundizzjoni tajba u gbartha biex insarrafha ghall-hadid, kont f'perjodu hazing, alcoholic u tajtha lill-pulizija ghax qaluli li tan-nies u tajthielhom u kkoperajt maghhom imma mhux b'sens li nisraqha. Hsibtha hazina u anqas mghottija xejn. Gbartha ghall-hadid u mhux b'sens li nisraqha. Hsibtha hazina u anqas mghottija u xejn. Gbartha ghall-hadid u mhux b'sens li nisraqha. Bi zball."*

Illi l-prosekuzzjoni esebit ukoll tlett ritratti[4] ta' l-istess *bajla tal-konkos* li mir-ritratti jidhru li tinstab f'kundizzjoni tajba u li tahdem hekk kif ikkonfermat mix-xhieda ta' Massimo Bueni li *"kienet tahdem*".

Illi ghar-rigward il-valur tal-oggett fix-xhieda mghottija minn sid il-*bajla tal-konkos*, Massimo Buemi, nhar id-29 ta' Novembru 2017, l-valur tal-oggett huwa ta' bejn €350- €500.

---

[4] Dok RV5 Folio 26 ta' l-atti processwali

*"Xtrajta 2nd hand min ghand habib tieghi, ma ghodda ohra. Kollox gieni madwar €500.*

*Ready mix bhal dak iqum bejn €350-€500."*

Illi fid-dawl tal-provi mressqa fir-rigward ghal-imputazzjoni tas-serq il-Qorti hija sodisdatta li l-ewwel imputazzjoni giet ppruvat sal-grad tad-dubbju dettat mir-raguni u li ghandha tinstab htija ghar-reat tas-serq aggravat bil-mezz u bil-valur.

**Ikkunsidrat**

Illi ghar-rigward ghat-tieni, tielet u r-raba imputazzjoni kif ukoll it-talba dwar ir-revoka *contrario imperio* tad-digiret li bih inghata l-beneficcju tal-helsien mill-arrest u l-addebitu tar-recidiva, il-Qorti trid tikkunsidra jekk hemmx prova u dokumenti dwar l-addebita tar-recidiva ta' l-imputat kif ukoll jekk hemmx il-prova tal-ksur tal-kundizzjonijiet imposti fuqu minn tlett sentenzi definittivi mghottija fil-konfront tieghu.

Illi ghar-rigward it-tieni imputazzjoni l-provi tal-prosekuzzjoni gew dikjarati maghluqa fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2018.[5] Erba tijiem wara fit-18 ta' Mejju 2019 gie pprezentat rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jesebixxi sentenza bhala prova tat-tieni imputazzjoni[6]. Il-Qorti tosserva r-referenza ghal din is-sentenza fil-fedina penali ta' l-imputat.[7] Illi minkejja r-risposta tad-difiza toggezzjona ghat-talba dan ir-rikors qatt ma gie idekkretat mill-Qorti kif kienet diversament ipreseduta.

---

[5] Dok RVX

[6] Folio ta' l-atti processwali

[7] Folio 7 ta' l-atti processwali

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti stante li l-imputat kien lahaq xehed fil-mori tal-kawza, din il-Qorti kif inhi ppreseduta ma thossx li ghandha tilqa t-talba in vista tal-fatt li meta hadet l-assenjazzjoni tal-kaz iz-zewg partijiet kienu diga ghalqu l-istadju tal-provi taghhom.

Ghaldaqstant in vista ta' nuqqas ta' provi l-Qorti tara li t-tieni imputazzjoni ma gietx ippruvata.

Fir-rigward it-tielet imputazzjoni ma gietx esebita kopja tas-sentenza relatata ma l-istess imputazzjoni moghtija nhar it-18 ta' Ottubru 2016 mill-Qorti ta' Malta (Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech). Il-Qorti tosserva r-referenza ghas-sentenza relatata mat-tielet imputazzjoni fil-fedina penali ta' l-imputat.

Ghaldaqstant fin-nuqqas ta' prova sufficjenti il-Qorti tara li t-tielet imputazzjoni ma tirrizultax.

Fir-rigward ir-raba imputazzjoni l-imputat qieghed jigi akkuzat ukoll talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqhu minn digriet mghoti mill-Magistrat Dr. Monica Vella wara li kien inghata l-helsien mill-arrest datat is-26 ta' Gunju 2017. Illi dan id-digriet li gie mmarkat bhala dok EM1 li jinstab a fol 42 gie kkonfermat bil-gurament mill-istess Spettur Elliot Magro u ghalhekk l-imputat qieghed jigi misjub hati talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqhu nhar is-26 ta' Gunju 2017 b'digriet mghoti mill-Magistrat Dr. Monica Vella.

Illi ghar-rigward ghat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex jigi ordna r-revoka *contrario imperio* tad-digriet li bih l-imputat inghata il-beneficcju tal-helsien mill-arrest, jigi ordnat mill-gdid l-arrest ta' imsemmi imputat u kif ukoll tordna li s-sommom bhala depozitu u garanzija personali a favur il-

Gvern ta' Malta, il-Qorti tinnota li nhar id-29 ta' Novembru 2019 gie esebit minn l-Ispettur Elliot Magro prova f'dan ir-rigward esebit bhala Dok EM1[8]. Il-Qorti tosserva li dan ir-reat sehh ftit inqas minn xharejn wara li nghata l-beneficcju tal-helsien mill-arrest u waqt il-perjodu opperativ ta' dan id-digriet.

Il-Qorti hija konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li 1-imputata fil-fatt wettaq ir-reat ipotizzat fl-imputazzjoni u b'hekk ikkommetta r-reat skont 1-artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti qieset ukoll li skont 1-artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali:

*(2) Kull persuna li tonqos milli thares xi wahda mill-kondizzjonijiet impost mill-qorti fid-digriet taghha li bih taghti l-helsien mill-arrest that garanzija tkun ta'reat u tehel, meta tinsab hatja, il-piena ta' multa jew ta' prigunerija ghal zmien ta' erba' xhur sa sentejn, jew ghal multa u prigunerija flimkien u l-ammont stabbilit fil-helsien mill-arrest taht garanzija ghandu jigi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta.*

Fic-cirkostanzi tal-kaz, il-Qorti ghalhekk trid timponi jew piena ta' multa jew piena ta' prigunerija bl-inqas tkun dik t'erba' xhur. Apparti dan 1-ammont stabbilit fil-helsien mill-arrest that garanzija bil-fors irid jigi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta. Fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, il-Qorti tqis li 1-piena idoneja ghandha tkun dik tal-multa maghquda mal-konfiska obbligatorja tal-ammont stabbilit fil-helsien mill-arrest taht garanzija.

[8] Folio 42 ta' l-atti processwali

Illi l-imputat gie akkuzat ukoll li f'kaz ta' htija jitqies li huwa recidiv taht l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ghandu jinghad li s-sentenzi li gew esebiti fil-konfront tal-imputat kienu dwar serq. F'zewg sentenzi (sentenza tal-15 t'April 2013, 18 ta' Ottubru 2015) l-imputat kien gie misjub hati u kkundannat skond il-Kapitolu 446. Illi f'dan il-kaz sentenza fejn il-persuna jinghata piena skont il-Kapitolu 446 ma jistax jitqies li huwa recediv (ara sentenza **Il-Pulizija vs Christopher Agius** mghotija mill-Imhallef David Scicluna fil-Qorti tal-Appell nhar is-17 ta' Settembru 2004).

Illi fir-rigward is-sentenzi esebiti ta' l-14 ta' Gunju 2010 u ta' l-14 ta'Lulju 2016 l-imputat kien giet ikkundannat ghal-perjodu ta' prigunerija. Illi ghalkemm dawn is-sentenzi ma gewx ikkonfermati mill-ufficjali prosekutur li mexxew il-kaz, il-konnotati tal-imputat jaqblu ma dawk ta' l-imputazzjonjijiet kif ukoll mal-fedina penali.

Ghalhekk il-Qorti tara li l-addebitu tar-recidiva giet sufficjentement ipprovata u l-imputat ghandu jitqies li huwa recidiv ghal fini tal-artikoli 49 u 50. Stante li s-sentenzi esebiti kienu jittrattaw fuq serq f'dan il-kaz l-artikolu 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu jigi applikat u cioe' jaghti lok ghal zieda fil-piena.

L-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali huwa applikabbli *"fil-kazijiet ta' recidiva..."* u peress li r-recidiva kif definita skont l-artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali tirrikjedi li l-persuna koncernata *"tkun giet ikkundannata ghal reat..."* persuna li tigi ikkundanata prigunerija (anke jekk is-sentenza hija sospiza) ghandha titqies bhala persuna recidiva u ghalhekk ladarba

hemm recidiva skont l-artikolu 49 u 50 hemm recidiva skont l-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali u għalhekk is-sentenza dwar serq taghti lok ghal zieda tal-piena taht l-artikolu msemmi.

Illi d-difiza nhar il-21 ta' Frar 2019 talbet lill-Qorti sabiex jigi nominat Probation Officer sabiex ihejji pre-sentencing report biex tigi mharrga l-qada u l-kundizzjoni tal-imputat.

Illi nhar il-25 ta' April 2019 gie esebit rapport mill-ufficjal tal-probation Rhona Agius Custo fejn gie irakkomandat li l-imputat ghandu *"jinghata piena ta' prigunerija effettiva, fejn f'dan il-perjodu, jekk kemm-il darba l-imputat juri motivazzjoni, ikun jista' jinghata l-opportunita' li jindirizza l-problema tad-droga."*

## Decide

Illi wara li rat l-artikoli, 49, 50, 261(b)(c), 263, 267, 278(1)(2), 279(a), 280(2), 289 u 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda ssib:

Lil Rodrick Grima,

- HATI ta' l-ewwel imputazzjoni u tikkundanah ghal sena prigunerija.

- MHUX HATI tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet migjuba kontrih u tilliberah minnhom.

- HATI tar-raba imputazzjoni migjuba kontrih u tikkundannah ghal piena ta' multa t'elf euro (€1,000) u tordna li s-somma ta'

hmistax (€15,500) elef u hames mitt euro imsemmija bhala depozitu u garanzija jghaddu favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-imputat taht ordni ta' trattament sabiex jindirizza l-problema ta' dipendenza tad-droga li ghandu.

Il-Qorti ghaddiet biex tfisser lill-imputat l-import u l-obbligi taggha naxxenti minn din is-sentenza fi kliem car u ser tghaddi biex tikkonferma jekk fehemx l-ispjega tal-Qorti dwarhom.

**Moghtija illum il 31 ta' Ottubru 2019 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta.**

**Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorriane Spiteri**

**Deputat Registratur**